MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 1345/1995/1

**Gemma mart William McCorgray; Mary Yvonne mart Frank Sutton u Gemma McCorgray bhala prokuratrici; Mary Carmela mart Hugh Brooks kif debitament awtorizzati bi prokura; Deborah mart Martin Buttigieg, Roberta mart Faical Oudi, dawn it-tnejn ulied il-mejjet Carmelo Pace u Elizabeth mart il-mejjet Carmelo Pace; Sylvana Pace, Victoria Pace, dawn it-tnejn ulied il-mejjet Joseph Pace; u Doris Pace mart il-mejjet Joseph Pace li qed tidher f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri Nicolette Pace u b'digriet tal-Qorti tat-3 ta' Frar 2005 gew assunti l-atti minn Sylvana Pace, Nicolette Calleja nee' Pace u Victoria Farrugia nee' Pace ahwa Pace flok il-mejta ommhom Doris Pace li mietet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Giovanna Antida sive Edith mart Joseph Mallia u b'digriet tat-2 ta' April 1996 gew kjamati in kawza Joseph Mallia u Anthony Mallia**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata minn Gemma mart William McCorgray, Mary Yvonne mart Frank Sutton, Mary Carmela mart Hugh Brooks, Deborah mart Martin Buttigieg, Roberta mart Faical Oudi, Sylvana Pace, Victoria Pace u Doris Pace li permezz taghha wara li gie premess illi:

Fit-28 ta' Jannar 1982 mietet Victoria Pace nee' Gauci kif jindika certifikat Dokument "A" u l-eredità taghha ghandha tigi kontrollata b'testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Cachia tal-24 ta' Awwissu 1978 Dokument "B", u dan kif jirrizulta mill-annessi Dokumenti "C" u "D"; u skond certifikat tan-Nutar halliet sitt ulied Dokument "D1". Dan kien testment *unica charta* maghmul minn Victoria Pace u zewgha Emmanuel Pace;

B'dan it-testment Victoria Pace salv l-uzufrutt ta' sesta parti mill-assi taghha mholli lil Giovanna Antida sive Edith Mallia, fuq il-parti mhollija lill-istess ulied ta' Giovanna Antida Mallia, halliet bhala eredi f'sesta parti kull wiehed u wahda lill-uliedha:

(i) Mary mart Hugh Brooks; (ii) Carmel Pace, (iii) Gemma mart William McCorgray; (iv) Yvonne mart Frank Sutton; u (v) Joseph ahwa Pace bis-sostituzzjoni volgari ghal uliedhom u in mankanza bid-dritt ta’ l-akkrexximent bejniethom; u (vi) fis-sesta parti l-ohra halliet bhala eredi lill-ulied noti u naxxituri minn bintha Giovanna Antida sive Edith mart Joseph Mallia fi kwoti ugwali bejniethom, din l-ahhar sesta parti hi gravata bl-uzufrutt ta’ Giovanna Antida sive Edith Mallia;

Ghall-uzufrutt ta’ sesta parti minn wahda mill-assi mholli b’legat lil Giovanna Antida sive Edith Mallia, din kellha obbligu li taghmel inventarju u li tippresta kawzjoni preskritta mill-Ligi (Art. 3);

Dan l-inventarju w il-kawzjoni ghadhom ma sarux;

Joseph Pace miet fis-7 ta’ Settembru 1984 (Dokument “E”) intestat kif jindikaw Dokumenti “F” u “G”;

Joseph Pace kellu 3 ulied u kien mizzewweg lil Doris Pace, it-tlett ulied jisimhom Sylvana ta’ 21 sena, Victoria ta’ 19-il sena u Nicolette ta’ 15-il sena – Dokument “H” hu certifikat ta’ zwieg u Dokumenti “I”, “J”, “K” huma certifikati tat-twelid. Joseph Pace ma kellux aktar ulied kif jindika Dokument “L”;

Ghalhekk l-istess ulied huma eredi ta’ Joseph Pace;

Il-wirt li Joseph Pace wiret minghand ommu ma jidholx fil-komunjoni ta' l-akkwisti, hu parafernali u b'hekk ghandu jintiret biss u bl-interità tieghu mit-tlett uliedu;

Fit-18 ta' April 1992 miet ukoll Carmelo Pace li kif jindikaw Dokumenti "M" u "N" halla testment Dokument "O", u bhala eredi kollha lill-uliedu Deborah Ann Buttigieg u Roberta May Eludi u ma kellux ulied ohra kif jindika certifikat Dokument "P", Dokument "Q", "R", "S" huma certifikati taz-zwieg u tat-twelid, hu halla lil martu Elizabeth Pace nee' Zarb, l-uzufrutt ta' gidu;

Emanuel Pace miet fit-13 ta' Marzu 1992 Dokument "T", u kif jirrizulta mir-ricerki Dokumenti "U", "V", Emanuel Pace ghamel testment iehor, Dokument "W" li bih varja dak precedenti cioe' Dokument "B". Dan it-tieni testment ghamlu fit-12 ta' Settembru 1989 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone;

B'dan it-testment hu nehha l-uzufrutt tas-sesta parti mill-assi tieghu mholli lil Giovanna Antida Mallia u varja wkoll ir-raba artikolu ta' l-ewwel testment billi issa halla bhala eredi lill-uliedu kollha cioe' Giovanna Antida Mallia, Mary Brooks, Carmel Pace, Gemma McCorgray, Yvonne Sutton ulied Joseph Pace;

Kif gia inghad Carmel Pace miet u halla bhala eredi lill-uliedu, Deborah Anna Buttigieg u Roberta Mary Ouidi u halla l-uzufrutt ta' gidu lil martu Elizabeth Pace nee' Zarb;

Bejn Victoria u Emanuel Pace kien hemm komunjoni tal-akkwisti u din ghandha tigi likwidata, u maqsuma bejn iz-zewg

partijiet, biex b'hekk tkun tista' tigi maqsuma l-eredità ta' kull wiehed u wahda minnhom;

Id-denunzja taz-zewg decujus gew prezentati w imhallsa (Dokumenti "X" u "Y").

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-mejtin Victoria u Emanuel Pace u tillikwida x'kienu l-assi partikolari ta' Victoria u Emanuel Pace fil-jum tal-mewt ta' kull wiehed minnhom;

2. Tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti kif likwidata f'zewg partijiet u tassenja parti lill-assi ereditarji ta' Victoria Pace u parti lill-assi ereditarji ta' Emanuel Pace, occorrendo permezz ta' periti nominandi;

3. Tiddikjara x'inhuma l-assi ereditarji ta' Victoria Pace u dik ta' Emanuel Pace;

4. Tiddikjara miftuha l-eredità ta' Victoria Pace u taqsam, tiddividi u tassenja mill-eredità ta' Victoria Pace sesta parti tal-piena proprietà kull wiehed u wahda lil (i) Mary Brooks, (ii) Gemma McCorgray, (iii) Yvonne Sutton, (iv) lill-eredità ta' Carmel Pace, (v) lill-eredità ta' Joseph Pace, u (vi) lill-ulied noti u naxxituri ta' Giovanna Antida sive Edith Mallia, u lill-istess Giovanna Antida sive Edith Mallia tassenjalha fuq din l-ahhar sesta parti uzufrutt; u dan kollu occorrendo permezz ta' periti nominandi;

5. Tordna u tikkundanna lil Giovanna Antida sive Edith Mallia sabiex fi zmien qasir u perentorju fissat minn din il-Qorti taghmel inventarju ta' l-uzufrutt tas-sesta parti fuq

indikata u sabiex fl-istess zmien tippresta kawzjoni kif ordnata mill-Qorti u kif preskirtta mill-ligi;

6. Tiddikjara miftuha l-eredità ta’ Emanuel Pace u taqsam, tiddividi u tassenja lill-eredità ta’ Emanuel Pace sesta parti kull wiehed in piena proprietà lil (i) Giovanna Antida Mallia, (ii) Mary Brooks, (iii) Gemma McCorgray, (iv) Yvonne Sutton, (vi) sesta parti lill-ulied Joseph Pace cioe’ Sylvana Pace, Victoria Pace u Nicolette Pace, u (vi) sesta parti lill-eredità ta’ Carmel Pace;

7. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-atti tal-qasmiet fil-gurnata, hin u lok li jigi stabbilit fis-sentenza u kuratur biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci u ghall-assenti.

Bl-ispejjez u bl-interessi.

Il-konvenuti ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

Fl-ewwel lok in-nullità tac-citazzjoni kwantu tirrigwarda lil Mary Yvonne mart Frank Sutton peress li meta giet prezentata din ic-citazzjoni f’isimha hi ma kienitx prezenti f’Malta;

Fit-tieni lok u subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, stante li din hija kawza fejn qeghda tintalab id-divizjoni ta’ massa erediteranja provenjenti mill-wirt tal-konjugi Emanuel u Vittoria Pace, l-awturi tal-atturi, jissussisti nuqqas

fl-integrità tal-gudizzju peress li bl-ewwel Testment Unica Charta bejn il-konjugi fuq imsemmija tal-1 ta' Awwissu 1978, l-ulied tal-konvenuta baqghu eredi fis-sesta parti (1/6) ta' Vittoria Pace, liema parti hi fil-fatt soggetta ghall-uzufrutt tal-konvenuta.

Fit-tielet lok jigi ccarat li ciononostante li Joseph Pace li miet fis-7 ta' Settembru 1984, bin il-konjugi Pace fuq imsemmija, miet ab intestat, martu Doris ghandha l-uzufrutt fuq in-nofs tal-beni kollha tieghu anke jekk dawn huma parafernali u dan kif jipprovdi l-Artikolu 631 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-imsemmija Doris Pace ma gietx korrettement citata fl-interess legali li ghandha.

Kwantu jirrigwarda l-hames talba attrici din ghandha tigi respinta u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Illi l-eccipjenti m'ghandha ebda obbligu li taghmel l-inventarju in kwistjoni jekk mhux meta tkun bdiet tezercita l-jedd tal-uzufrutt, haga li sallum m'ghamlitx u dan kif del resto jiddisponi l-Artikolu 350 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Bl-istess mod jinghad ghall-garanzija li qed tintalab, ghax din ghandha tinghata biss mill-eccipjenti meta tkun bdiet tezercita l-uzufrutt in kwistjoni haga li sallum m'ghamlitx (Art. 352 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi dato ma non concesso li bdiet tezercita dan l-uzufrutt, it-talba ghall-ghotja tal-garanzija illum na tistax tintalab peress li din ma gietx mitluba entro s-sena msemmija fl-artikolu 354 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti ma topponix ghad-divizjoni ta' l-ereditajiet fuq imsemmija purche' din id-

divizjoni ma tippregudikax kull dritt ta' uzufrutt talvolta spettanti lilha skond il-ligi, kif jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat il-verbali tal-udjenzi mizmuma konsekuttivament mill-hames imhallfin li kienu qeghdin kollha jisimghu l-kawza qabel ma din giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza Joseph u Anthony ahwa Mallia li in forza taghha gie eccepit illi:

Fl-ewwel lok in-nullità tac-citazzjoni kwantu tirrigwarda lil Mary Yvonne mart Frank Sutton peress li meta giet prezentata din ic-citazzjoni f'isimha hi ma kienitx prezenti f'Malta.

Fit-tieni lok u subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, stante li din hija kawza fejn qeghda tintalab id-divizjoni ta' massa ereditarja provenjenti mill-wirt tal-konjugi Emanuel u Vittoria Pace, l-awturi ta' l-atturi, jissussisti nuqqas fl-integrità tal-gudizzju peress li bl-ewwel Testment *Unica Charta* bejn il-konjugi fuq imsemmija tal-1 ta' Awwissu 1978, l-ulied tal-konvenuta baqghu eredi fis-sesta parti (1/6) ta' Vittoria Pace, liema parti hi fil-fatt soggetta ghall-uzufrutt tal-konvenuta.

Fit-tielet lok jigi ccarat li ciononostante li Joseph Pace li miet fis-7 ta' Settembru 1984, bin il-konjugi Pace fuq imsemmija, miet ab intestat, martu Doris ghandha l-uzufrutt fuq in-nofs tal-beni kollha tieghu anke jekk dawn huma parafernali u dan kif jipprovdi l-Artikolu 681 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet tal-Malta, peress li l-imsemmija Doris Pace ma gietx korrettament citata fl-interess legali li ghadha.

Kwantu jirrigwarda l-hames talba attrici din ghandha tigi respinta u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Illi l-eccipjenti m'ghandhom l-ebda obbligu li jaghmlu l-inventarju in kwistjoni jekk mhux meta jkunu bdew jezercitaw il-jedd ta' l-uzufrutt, haga li sallum m'ghamlux u dan kif del resto jiddisponi l-Artikolu 350 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Illi bl-istess mod jinghad ghall-garanzija li qed tintalab, ghax din ghandha tinghata biss mill-eccipjenti meta jkunu bdew jezercitaw l-uzufrutt in kwistjoni haga li sallum m'ghamlux (Art. 352 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi dato ma non concesso li bdew jezercitaw dan l-uzufrutt, it-talba ghall-ghotja tal-garanzija llum ma tistax tintalba peress li din ma gietx mitluba entro s-sena msemmija fl-Artikolu 354 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti ma jopponux ghad-divizjoni ta' l-ereditajiet fuq ismemmija purche' din id-divizjoni ma tippregudikax kull dritt ta' uzufrutt talvolta spettanti lilhom skond il-ligi, kif jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fejn gew mahtura Dr. Victor Borg Grech u l-Perit Arkitett David Pace sabiex jirrelataw dwar il-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Frar 2001 fejn l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta giet irtirata.

Rat ukoll illi t-tieni eccezzjoni giet sorvolata bil-kjamata fil-kawza tal-ahwa Mallia.

Rat ir-relazzjonijiet tal-fuq imsemmija periti.

Rat l-atti kollha.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi li, minkejja li giet notifikata lid-difensuri tal-konvenuta, baqghet bla twegiba.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din hija kawza ta’ divizjoni. Il-partijiet huma lkoll ulied jew neputijiet ta’ Emanuel Pace u Victoria Pace. Il-konvenuta u l-kjamati fil-kawza iressqu diversi eccezzjonijiet. L-ewwel wahda, kif intqal aktar ‘il fuq, giet irtirata. It-tieni wahda, kif ukoll intqal aktar ‘il fuq, giet sorvolata bis-sejha fil-kawza ta’ ulied il-konvenuta. Gie eccepit ukoll illi Doris Pace ma gietx citata korrettement ghaliex giet citata wkoll “f’isimha proprju”. Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li ma kienx hemm htiega li l-interess taghha jissemma’ stante li dan kien isir evidenti tul il-proceduri. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi skartata.

Ir-raba' eccezzjoni tirrigwarda essenzjalment il-hames talba li tirrigwarda l-obbligu ta' inventarju u kawzjoni. Issa, kif inhu ben risaput, dan l-obbligu jiskatta mal-immissjoni fil-pussess ta' legat. Il-konvenuta, inoltre lanqas qatt setghet taccetta l-legat tal-uzufrutt stante li dan ghadu mhux specifikat kif ben isostni l-perit legali, ghadu jifforma parti mill-assi ereditarju indiviz.

Mertu

Jirrizulta illi Emanuel Pace u Victoria Pace kellhom sitt itfal. Mary Brooks, Carmel Pace, Gemma McCorgray, Yvonne Sutton, Joseph Pace u Giovanna Antida Mallia. Victoria Pace mietet fit-28 ta' Jannar 1982, u Emanuel Pace miet fit-13 ta' Marzu 1992. Fis-7 ta' Settembru 1984 kien miet binhom Joseph Pace. Is-successjoni tal-omm kienet regolata b'testment *unica charta* datat 24 ta' Awwissu 1978. Il-missier varja dan it-testment permezz ta' iehor datat 12 ta' Settembru 1989. Fit-testment *unica charta* l-genituri hallew lil binthom konvenuta odjerna uzufrutt ta' sesta parti minn gidhom. Hallew ukoll lill-hames ulied l-ohra eredi universali f'sesta parti kull wiehed. Is-sesta parti thalliet lil ulied Giovanna Antida Mallia, konvenuta.

Permezz tal-fuq citat testment tat-12 ta' Settembru 1989, Emanuel Pace nehha 'l fuq imsemmi uzufrutt u halla lil uliedu kollha bhala eredi. Peress illi Joseph Pace miet qabel missieru, hu gie li ma wiret xejn minghand il-genituri tieghu. Sehemu ghadda dritt fuq uliedu Sylvana, Victoria u Nicoletta.

Il-periti mahtura mill-Qorti kkonstataw illi l-assi fil-komunjoni tal-akkwisti jikkonsistu f'erba proprjetajiet immobbli b'valur ta' €123,224. Inoltre gie kostatat illi Emanuel Pace halla proprjetà immobbli parafernali valutata €10,482 flimkien ma depoziti (ukoll parafernali) fl-ammont ta' €22,164.

L-assi ta' Victoria Pace jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti valutata €123,224 u cioe' €61,612. Dan ghandu ghalhekk jigi diviz f'sitt porzjonijiet.

L-assi ta' Emanuele Pace jikkonsistu ghalhekk, valur ta' f'€61,612 sehemu mill-komunjoni, €10,485 valur tal-proprjetà immobbli parafernali u €22,164 depoziti, total ta' €94,258. Dan ghandu jinqasam bejn is-sitt ahwa wara li jigi mnaqqas minnu l-ammont ta' €5000 dovut bhala servigi lil Giovanna Mallia. Dawn qed jigu likwidati permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti li qeghda tinghata llum stess.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn Victoria u Emanuel Pace tikkonsisti fl-erba' immobbli elenkati paragrafu XIX tar-rapport peritali. Flimkien ma sehem minn din il-komunjoni, Emanuele Pace kien proprjetarju parafernali ukoll tal-fond 62, Triq San Lazzru, Bormla, flimkien ma depoziti bankarji fl-ammont ta' €22,164, li minnhom ser jitnaqqsu €5000 permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti li qeghda tinghata llum stess. Il-Qorti tordna li l-hames proprjetajiet ghandhom jinbieghu b'licitazzjoni u r-rikavat maqsum sesta parti kull wiehed Mary Brooks, Carmel Pace, Gemma McCorgray, Yvonne Sutton; sesta parti ohra flimkien ghal Silvana, Victoria u Nicolette Pace u sesta parti ohra flimkien Joseph u Anthony Mallia. Ir-rimanenti tad-depoziti bankarji ghandhom jinqasmu bl-istess mod. Sabiex jigu evitati spejjez ulterjuri, ghandhom jitqiesu l-istimi tal-fondi

bhala vojta ga maghmula mill-Perit Doublet f'dawn il-proceduri.[1]

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet proporzjonalment skond is-sehem taghhom tal-eredità.

**< Sentenza Finali >**

---

[1] **B'digriet tal-Qorti tat-23 ta' Ottubru, 2014, il-Qorti laqghet it-talba kif kontenuta fir-rikors prezentat fit-28 ta' Ottubru, 2014, u ordnat li l-ahhar zewg paragrafi tas-sentenza ghandhom jigi rimpjazzati kif gej:**

***"Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li qieghda tillikwida il-komunjoni tal-akkwisti bejn id-defunti konjugi Pace, tiddikjara li l-komunijoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-imsemmija defunti Victoria u Emanuel Pace tikkonsisti fl-erba' immobbli elenkati f'paragrafu XIX tar-rapport peritali. Flimkien ma' sehem minn din il-komunjoni, Emanuel Pace kien propjetarju parafernali ukoll tal-fond tnejn u sittin (62), Triq San Lazzru, Bormla, flimkien ma'depoziti bankarji fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, mija u erbgha u sittin Euro (€22,164), li minnhom ser jitnaqqsu hamest'elef Euro (€5,000) permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti li qieghda tinghata llum stess sabiex dawn il-hames'elef (€5,000) jigu prelevati mill-konvenuta biex tigi sodisfatta id-decide ta' dik is-sentenza.***

***Il-Qorti ghalhekk tordna li l-hames propjetajiet ghandhom jinbieghu b'licitazzjoni, u r-rikavat jinqasam b'dan il-mod:***

***Kwantu ghar-rikavat ta' l-assi ereditarji ta' Victoria Pace, li jikkonsistu f'nofs l-erba' immobbli fuq imsemmija, dawn iridu jigu divizi f'sitt porzjonijiet b'sesta parti kull wiehed lil Mary Brooks, Carmel Pace, Gemma McCorgray, Yvonne Sutton; sesta parti ohra flimkien ghal Silvana, Victoria u Nicolette Pace u kif ukoll sesta parti ohra ghall-kjamati in kawza Joseph u Anthony ahwa Mallia, filwaqt li Giovanna Antida sive Edith Mallia ghandha dritt ghat-tgawdija tal-uzufrutt fuq sehem Joseph u Anthony ahwa Mallia.***

***Kwantu ghar-rikavat ta' l-assi ereditarji ta' Emanuel Pace, li jikkonsistu f'nofs l-erba' proprjetajiet immobbli tal-komunjoni fuq imsemmija, u l-interita' tal-fond l-iehor u cioe' tnejn u sittin (62), Triq San Lazzru, Bormla, flimkien mad-depoziti bankarji ta' tnejn u ghoxrin elf, mija u erbgha u sittin Euro (€22,164), u li minnhom iridu l-ewwel jigu mnaqqsa hamest'elef Euro (€5,000) servigi dovuti lil-konvenuta Giovanna Antida sive Edith Mallia skont sentenza ta' din il-Qorti tal-lum stess fl-ismijiet Giovanna Antida Mallia et v Deborah Buttigieg et (Rik Gur 2222/95 AF), iridu jigu divizi bejn is-sitt ahwa Pace jew l-eredi taghhom u cioe' Mary Brooks, Carmel Pace, Gemma McCorgray, Yvonne Sutton, Giovanna Antida Mallia u sesta parti ohra flimkien ghal Silvana, Victoria u Nicolette ahwa Pace. Ir-rimanenti tad-depoziti bankarji ghandhom jinqasmu bl-istess mod.***

***Sabiex jigu evitati spejjez ulterjuri, ghandhom jitqiesu l-istimi tal-fondi bhala vojta ga maghmula mill-Perit Doublet f'dawn il-proceduri ghall-iskop tas-subbasta."***

---------------------------------TMIEM---------------------------------